MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 129/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Abdilla talli b' diversi atti maghmilin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, mis-26 ta' Lulju 2005 sa Jannar 2009 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Karen Abdilla u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Peter Abdilla hati u kkundannatu tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena u ordnat li jhallas is-somma ta’ €12,718 fi zmien sitt xhur a tenur ta’ l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Peter Abdilla pprezentat fis-16 ta’ Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u f’kull kaz tirriduci l-piena inflitta;

Rat il-verbal ta’ Dott. Pawlu Lia fis-seduta tad-19 ta’ Mejju 2010 fejn talab l-isfilz tad-dokument minn fol. 22 sa fol. 27 peress illi dak illi hemm f’dak id-dokument mhijiex is-sentenza li giet pronunzjata fil-prezenza tieghu u ta’ l-appellant, u lanqas ma hija l-kopja tas-sentenza li nghatat lilu mid-Deputat Registratur wara li talabha izjed minn darba. Dak li huwa nghata hija s-sentenza li nkitbet *di proprio pugno* mill-Magistrat sedenti waqt is-seduta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwelnett, b’referenza ghall-verbal imsemmi tad-19 ta’ Mejju 2010, din il-Qorti jkollha tistqarr li t-talba hi gustifikata. Difatti matul l-istess seduta Dott. Pawlu Lia esebixxa kopja ta’ dak li nghata mid-deputat registratur sabiex ikun jista’ jhejji l-appell (ara fol. 45). Din ma hi xejn hlief kopja tal-komparixxi bid-*decide* miktuba *di proprio pugno* mill-Magistrat sedenti. Kieku s-sentenza pronunzjata kienet dik dettaljata a fol. 22 sa 27, kienet tinghata kopja ta’ <u>dik</u> is-sentenza lid-difensur ta’ l-appellant sabiex ikun jista’ jezaminaha sew u jibbaza l-appell tieghu skond kif mehtieg fuq is-sentenza hekk pronunzjata. Ghalhekk, galadarba d-dokument a fol. 22

sa 27 ma jirrispekkjax is-sentenza pronunzjata mill-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tordna l-isfilz tieghu.

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hi nieqsa mill-elementi mehtiega skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Anke l-piena nflitta, l-ordnijiet moghtija u l-artikoli citati (28A u 28H) mhumiex applikabbli ghall-akkuza; (2) li f'kull kaz l-akkuza hi preskritta; (3) li hu qatt ma gie notifikat bl-ordni tal-Qorti Civili; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, ordni ghall-hlas ta' manteniment *pendente lite* ma jistax imur oltre t-terminu tal-kawza sakemm ma jkunx hemm decizjoni b'sentenza li tikkonferma, jew ahjar, tissostitwixxi dak l-ordni b'ordni iehor ta' natura permanenti; (5) li, f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, piena ta' prigunerija ma setghetx tinghata fil-kaz ta' l-ewwel kundanna taht il-kontravvenzjoni in kwistjoni, u konsegwentement lanqas ma huma applikabbli l-artikoli 28A u 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-aggravji sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*.
Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant jghid illi s-sentenza appellata hi nieqsa mill-elementi mehtiega fit-termini ta' l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti tirrizulta fuq il-komparixxi a fol. 1 tal-process. Hemm insibu ttimbrati l-kliem: "Il-Qorti: Rat l-imputazzjonijiet; Rat id-dokumenti; Semghet il-provi; Rat l-artikoli indikati" imbaghad il-piena miktuba *di proprio pugno* mill-Magistrat, kundanna li tirrispekkja s-sejbien ta' htija ta' l-imputazzjoni dedotta.

Issa, meta l-artikolu 382 jitkellem dwar "il-fatti", dawn huma l-fatti tar-reat u mhux il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni.[1] Il-fatti tar-reat jirrizultaw

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Elton Abela**, 28 ta' Jannar 2005.

mill-imputazzjoni. Skond l-istess artikolu mbaghad, minbarra illi taghti l-piena – kif effettivament ghamlet l-ewwel Qorti – ghandha ssemmi l-artikolu li jikkontempla r-reat. Effettivament hawn ukoll fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti taghmel referenza ghall-“artikoli indikati”. Dawn l-artikoli huma l-artikoli ndikati fuq il-komparixxi, u cioe` l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kap. 9. Kwindi ma jistax jinghad illi s-sentenza appellata tippekka kontra l-imsemmi artikolu 382.

Taht l-ewwel aggravju l-appellant jghid ukoll illi l-piena nflitta, l-ordnijiet moghtija u l-artikoli citati (l-artikoli 28A u 28H tal-Kap. 9) mhumiex applikabbli ghall-kaz tieghu. Dan l-ilment jigi trattat aktar ‘il quddiem.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jghid li l-akkuza kontra tieghu hi preskritta. Isostni illi stante li hu akkuzat taht l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, a tenur tal-*proviso* ta’ l-istess artikolu, l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ sitt xhur.

Li l-perijodu preskrittiv huwa ta’ sitt xhur huwa minnu, izda hawn qieghed jigi attribwit lill-appellant reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Din il-kwistjoni giet trattata fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. John Chircop** deciz fit-3 ta’ Novembru 2005 fejn intqal:

**“Illi dwar l-ewwel tlitt aggravji li jirrigwardaw l-preskrizzjoni, din il-Qorti taqbel li r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap.9 huwa wiehed istantenju u mhux permanenti. Dan pero’ jigi kommess appena jiskadu hmistax il-jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun sehh. Jidher li fir-rikors tal-appell hemm certa konfuzjoni ta’ ideat bejn reat permanenti (continuing offence) u reat kontinwat (continuous offence). Kif tajjeb intqal fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim’Imhallef) V. De Gaetano, fil-kawza: ”Il-Pulizija vs. Joseph Galea” [3.11.1995]**

**“ ‘Il-kuncett ta’ “continuous offence” jincidi primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-“continuing offence” jincidi fuq l-aspett sostantiv tar-reat. Fil-fatt dawn huma zewg koncetti guridikament differenti u separati minn xulxin. Id-diffikolta’ doppja li tinholoq hija li bit-test Malti hafna drabi nirriferu kemm ghall-“continuing offence” kif ukoll ghall-“continuous offence” bhala reat kontinwat, benche’ li huma zewg kuncetti guridikament differenti minn xulxin. ….Il-fatt jibqa’ wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat (“continuing”)”**

**“Dan pero’ bl-ebda mod ma jfisser li numru ta’ reati kontravvenzjonali ta’ natura istantanja ma jistghux - anki a beneficcju tal-akkuzat – jingabru flimkien mill-Prosekuzzjoni bhala reat kontinwat, kif donnu qed jippretendi l-appellant. Din il-Qorti ukoll fl-istess sentenza appena citata rriteniet li dan hu possibbli.**

**“Ghal dawn iz-zewg tipi ta’ reati, cioe` r-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir-regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Difatti skond l-artikolu 691(1) fil-waqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta’ reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.**

**“Issa fil-kaz in ezami l-akkuza hija li ma thallasx il-manteniment dovut fid-dati tas-26 ta’ Jannar, 9 ta’ Frar u 23 ta’ Frar, 2005. Illi kif gja gie ritenut minn din il-Qorti, r-reat kontravvenzjonali istantaneju jigi kommess <u>b’eghluq ta’ hmistax il-jum wara d-data tal-iskadenza</u> li tkun u mhux fid-data tal-iskadenza. (ara.App.Krim. “Il-Pulizija vs.David Camilleri” [22.3.2005])**

**“Issa s-subinciz (z) tal-artikolu 338 tal-Kap.9, kif emendat, jiddisponi li :-**

***" 'Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min –***
***meta…..hekk marbut b' kuntratt jonqos li jaghti lil martu….. , is-somma …..stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha…u jew ghall-ulied , fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond …dak il-kuntratt , ikollha thallas dik is-somma.'***

**"Ghalhekk din il-kontravvenzjoni, fil-kaz tal-appellant, kienet tiskatta appena jigi il-hmistax il-jum wara kull data ta' kull skadenza settimanali w hu jkun naqas li jhallas is-somma stipulata lil martu sa dak in-nhar.**

**"F'dan il-kaz ghalhekk il-preskrizzjoni trimestrali kontemplata fl-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali, trattandosi ta' reat kontinwat (continuous offence) kienet tibda tghaddi minn hmistax-il jum wara l-ahhar skadenza w cioe` fl-10 ta' Marzu, 2005. Illi c-citazzjoni odjerna nharget fl-4 ta' Mejju, 2005 u giet appuntata ghas-smiegh ghas-6 ta'Gunju, 2005 (Fol.1) u giet notifikata lill-appellant (kif jidher mir-riferta pozittiva a fol.2) fl-1 ta'Gunju, 2005. Hu fil-fatt deher ghall-kawza fis-6 ta' Gunju, 2005, u dan kollu sar entro t-tlitt xhur tal-preskrizzjoni li kienu jaghlqu fl-10 ta' Gunju,2005.**

**"Konsegwentement ic-citazzjoni ghar-reat kontinwat kif intavolata w notifikata ma kienet bl-ebda mod preskritta w ghalhekk kull aggravju dwar id-diversi aspetti tal-preskrikzzjoni sollevata qed jigi respint."**

Fil-kaz odjern, trattandosi wkoll ta' reat kontinwat (*continuous offence*) fejn il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, il-preskrizzjoni (issa ta' sitt xhur u mhux ta' tliet xhur) kienet tibda tghaddi minn hmistax-il jum wara l-ahhar skadenza tas-26 ta' Jannar 2009, jigifieri fl-10 ta' Frar 2009. Ic-citazzjoni nharget fit-13 ta' Mejju 2009. Jidher li l-appellant gie notifikat l-ewwel darba fit-18 ta' Gunju 2009 (ara riferta a fol. 4) jigifieri entro s-sitt xhur tal-preskrizzjoni. Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

Permezz tat-tielet aggravju tieghu l-appellant jghid illu huwa qatt ma gie notifikat bl-ordni tal-Qorti biex ihallas il-manteniment. Ir-reat in kwistjoni huwa reat kontra l-ordni pubbliku u min jikkommettieh ikun qieghed jisfida lill-Qorti. Ghalhekk jinkombi fuq il-prosekuzzjoni mhux biss li Qorti emanat tali ordni izda anke li saret id-debita notifika lill-appellant. Din il-prova ma saritx.

Li l-appellant kien jaf bil-proceduri istitwiti minn martu biex jigi kkundannat jissomministra manteniment ghaliha u ghat-tifla m'hemm l-ebda dubju. Difatti huwa sahansitra pprezenta risposta ghal dik it-talba, u certament kellu kull interess li jkun jaf bl-ezitu. Barra minn hekk, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument ma giex notifikat, minn dak li xehed quddiem din il-Qorti huwa evidenti li kien jaf bid-digriet in kwistjoni. F'kull kaz, id-digriet imsemmi kien effettiv kontra l-appellant ukoll jekk ma giex notifikat lilu, u hu stess fix-xiehda tieghu jghid li kien jaf bih ghalkemm mhux car dwar meta sar jaf bih.[2] Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

Bir-raba' aggravju tieghu l-appellant isostni illi l-manteniment *pendente lite* jista' jintalab u jinghata biss "fiz-zmien li tkun miexja l-kawza tal-firda" (art. 46A Kodici Civili). Meta l-Qorti tawtorizza l-procediment kontenzjuz ghas-separazzjoni personali hija tista' wkoll taghti ordnijiet provvizorji anke qabel is-smiegh tal-kawza. L-appellant jissottometti li ordni ghall-hlas ta' manteniment *pendente lite* ma jistax imur oltre t-terminu tal-kawza sakemm ma jkunx hemm decizjoni b'sentenza li tikkonferma, jew ahjar, tissostitwixxi dak l-ordni b'ordni iehor ta' natura permanenti. L-appellant isostni illi ordni temporaneju jew provvizorju japplika biss ghaz-zmien li ghalih ikun limitat. Hekk f'dan il-kaz il-kawza ma gietx prezentata fit-terminu legali u d-digriet originali li jawtorizza l-procediment kontenzjuz skada. B'hekk ukoll, jghid l-appellant, skada l-ordni ghall-hlas tal-manteniment, u l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati ghall-perijodu wara li skada t-terminu ghall-bidu tal-proceduri ghas-separazzjoni personali.

---

[2] Appell Kriminali **Il-Pulziija v. Joseph Brincat**, 18 ta' Ottubru 2005.

Din l-istess kwistjoni tqajmet fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Brincat** deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fit-3 ta' Novembru 2006. Il-parti rilevanti sejra tigi citata *ab extenso*:

**"Kwantu ghat-tieni aggravju l-appellant jghid illi d-digriet tat-3 ta' Dicembru 2004 kien ordni temporaneju u provvizorju li jista' jinbidel f'kull mument tal-proceduri. Ghalhekk, isostni l-appellant, jehtieg li l-prosekuzzjoni tipprova wkoll li z-zmien li ghalih tirreferi l-imputazzjoni jikkoincidi maz-zmien li fih kien japplika d-digriet. Skond l-appellant, din il-Qorti m'ghandhiex tinterpreta l-ordni tal-Qorti Civili bhallikieku ma kienx provvizorju u limitat fiz-zmien, b'mod li qed tmur oltre dak li tipprovdi l-ligi stess (b'referenza ghall-artikoli 37(5) u 46A tal-Kodici Civili). Fil-kaz prezenti, jissokta l-appellant, ladarba l-kawza tal-firda personali baqghet ma gietx intavolata fiz-zmien preskritt mil-ligi, l-ordni tal-Qorti ma baqax fis-sehh wara l-iskadenza ta' l-istess terminu legali. Ghalhekk, jghid l-appellant, l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija ghall-perijodu wara li skada t-terminu li fih setghu jinbdew il-proceduri ghall-firda personali.**

**"Din il-kwistjoni giet ventilata quddiem din il-Qorti diversi drabi. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Mallia deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Mejju 1998, intqal testwalment hekk:**

***" 'Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tispjega aktar minn darba, ghall-finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9, hu rrelevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kkontenut f'dak id-digriet ma kienx espressament irrevokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-***

***finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali - ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Lawrence Cilia, App. Krim. 10/3/95, u Il-Pulizija v. Carmelo Farrugia, App. Krim. 23 ta' Jannar 1998 (App. Nru. 161/97).'***

**"Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Raymond Cutajar, deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Settembru 1999, gie ritenut hekk:**

***"'Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'digriet moghti skond il-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 470 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili … jibqa' validu, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem il-Prim'Awla gietx intavolata o meno, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li dak id-digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla, u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null. Ghall-finijiet tal--imsemmi Artikolu 338(z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova (i) li nghata ordni minn qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-digriet, bhalma sar f'dan il-kaz jew, kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva) u (ii) li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni, kellha tithallas is-somma. Ikun jispetta, imbaghad, ghall-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni."***

**"Din il-Qorti kif presjeduta taqbel ma din il-gurisprudenza kostanti[3] u ma tara l-ebda raguni biex tiddipartixxi minnha. F'dan il-kaz imbaghad ma ngabet**

---

[3] Ara wkoll Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Loreto Borg** tad-9 ta' Gunju 2004 u **Il-Pulizija v. Evan Mamo** tas-27 ta' Lulju 2005.

**l-ebda prova mill-appellant illi d-digriet imsemmi gie b’xi mod mibdul jew revokat jew li sehhet rikonciljazzjoni. Ghalhekk it-tieni aggravju huwa michud.”**

Frankament din il-Qorti lanqas fil-kaz odjern ma ssib raguni biex tiddipartixxi minn din il-gurisprudenza, aktar u aktar meta l-appellant ma gab l-ebda prova li kien hemm xi varjazzjoni fid-digriet in kwistjoni. Anzi kull ma seta’ jghid kien li pprezenta rikors ghall-varjazzjoni tad-digriet u lanqas kien jaf l-ezitu tieghu. Konsegwentement qed tichad ukoll ir-raba’ aggravju.

Il-hames aggravju jirrigwarda l-piena. Skond l-appellant il-piena la kienet applikabbli u fi kwalunkwe kaz kienet eccessiva. Jghid illi l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali jgorr il-piena normali ta’ kontravvenzjoni u huwa f’kaz ta’ recidiva li l-hati jista’ jehel piena ta’ detenzjoni ta’ mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta’ mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahrejn. Ghalhekk isostni illi l-piena nflitta ma setghetx tinghata fil-kaz ta’ l-ewwel kundanna. Konsegwentement ma setax jigi applikat l-artikolu 28A u lanqas l-artikolu 28H li jipprovdi ghar-restituzzjoni lill-parti offiza ta’ kull haga misruqa mill-hati jew li l-hati xjentement laqa’ ghandu jew akkwista bi frodi jew bi qliegh iehor kontra l-ligi.

Dak li l-appellant qieghed jinsa hu illi hawn si tratta ta’ reat kontinwat a tenur ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 fejn il-piena tista’ tizdied minn grad sa zewg gradi. Skond l-artikolu 31(1)(g) tal-Kap. 9 “it-tlugh mill-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet isir ghall-piena tal-multa jew ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tliet xhur.” Mela mill-pieni stabbiliti ghar-reat kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9, b’zieda ta’ grad il-piena tista’ titla’ sa massimu ta’ tliet snin prigunerija. Konsegwentement l-ewwel Qorti setghet tapplika l-artikolu 28A tal-Kap. 9 li permezz tieghu s-sentenza ta’ prigunerija nflitta fuq l-appellant giet sospiza.

Kwantu mbaghad ghall-artikolu 28H tal-Kap. 9, bil-fatt li l-appellant naqas li jhallas il-manteniment lil martu, huwa

gie ghamel qliegh kontra l-ligi u kkaguna b'hekk danni lil martu. Ghalhekk dak l-artikolu huwa wkoll applikabbli u l-ewwel Qorti setghet legalment taghmel ordni kif ghamlet biex l-appellant ihallas lil martu l-manteniment dovut.

Kwantu ghall-ammont, l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni kif waslet ghall-figura ta' €12,718. Issa, skond id-digriet tas-26 ta' Lulju 2005, l-ammont tal-manteniment kellu jkun ta' Lm180 fix-xahar. Mix-xiehda ta' martu Karen Abdilla jirrizulta illi huwa kien qieghed ihallas Lm50 fix-xahar. Mela kien qieghed jonqos milli jtiha Lm130 fix-xahar. Mis-26 ta' Lulju 2005 sa Jannar 2009 hemm 42 xahar. Ghalhekk l-ammont dovut minnu huwa ta' Lm130 x 42 = Lm5,460 ekwivalenti ghal €12,718, li huwa precizament l-ammont illi l-ewwel Qorti kkundannatu jhallas.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' prigunerija jibda jiddekorri millum u z-zmien ghall-hlas tas-somma ta' €12,718 jibda wkoll jiddekorri millum. Ghal kull bwon fini din il-Qorti spjegat lill-appellant ir-responsabbilità tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Fl-ahharnett din il-Qorti tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------